MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Numru 665/1999

Il-Pulizija
(Sp Frans Micallef)
vs
Paul Kavanagh, iben David,
imiweled l-Ingilterra fit-18 ta'
jannar, 1978

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fil-Gżira, fit-23 ta' mejju, 1999 u matul il-ġimgħat ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, u cioe' talli kkometta serq ta' oġġetti tad-deheb liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur ta' aktar minn Lm1,000 u bil-persuna;
2. talli fl-istess dati u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati

b’reat, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun indaħal sabiex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-2 ta’ diċembru, 1999 fejn iddikjara li wara li ra
l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
fl-artikoli 18, 261(b)(ċ), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 330, 279, 280, 33, 289, 20, 31, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali; bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ jannar, 2003 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ jannar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet ix-xhieda ta’ Nazzarena Zammit, id-derubata, li tiġi n-nanna ta’ l-imputat fejn ħafret lill-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ), 263, 264, 265, 266, 267, 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedi-
menti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Billi ma ġew imqabbda ebda esperti mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.